31978R1680

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1680/78

tas-17 ta' Lulju 1978

fuq l-aġġustament tar-rimborż fuq l-esportazzjoni tax-xgħir taħt l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad- 29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 1254/78 [2], u partikolarment l-Artikolu 16(6) tiegħu,

Billi, fil-każ ta' xgħir esportat fl-ewwel xagħrejn tas-sena tas-suq, fir-rigward ta' liema r-rimborż kien iffissat minn qudiem qabel l-1 ta' Awissu, l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75 jipprovdi l-kondizzjonijiet għall-aġġustament tar-rimborż iffissat bil-quddiem;

Billi irid jiġi assigurat li, fejn tali aġġustament irid isir, ix-xgħir esportat fl-ewwel xagħrejn tas-sena tal-bejgħ kien maħżun fl-aħħar tas-sena preċedenti tas-suq jew kien magħmul minn xgħir maħżun f'dak iż-żmien; billi l-kwantitajiet ta' xgħir u xgħir fil-ħażniet fl-aħħar tas-sena tas-suq ikkonċernata jridu jiġu għalhekk aċċertati; billi l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru jridu jkunu responsabbli sabiex jiżguraw tali kwantitajiet u li jieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiżguraw konformità mad-disposizzjonijiet tal-Komunità rigward l-aġġustament ta' ħlas lura fuq l-esportazzjoni ta' xgħir fil-perjodu partikolari;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat Maniġerjali għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għax-xgħir fil-ħażniet fit-tmiem ta' sena tas-suq li għaliha ma ġie stabbilit l-ebda ħlas mgħoddi kif referut fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75 fuq dawk il-prodotti u li huwa esportat bħala xgħir tul l-ewwel xagħrejn tas-sena tas-suq ta' wara taħt liċenza li għaliha r-rimborż kien iffissat minn quddiem qabel l-1 ta' Awissu.

2. Għall-iskop li jiġi stabbilit il-jum ta' esportazzjoni, id-data rilevanti tkun dik li fiha il-formalitajiet tad-dwana kif referuti fl-Artikolu 9(3)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 193/75 [3]ikunu mitmuma.

Artikolu 2

1. Sabiex jikkwalifika għall-aġġustament tar-rimborż fuq l-esportazzjoni tax-xgħir taħt l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75 l-esportatur għandu:

— jekk ix-xgħir ġie magħmul mix-xgħir li hemm maħżun fl-aħħar tas-sena tas-suq, iforni l- awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru responsabbli għall-ħlas lura bid-dokumenti li jiċċertifikaw:

(a) li x-xgħir jiġi mill-ħażniet iddikjarati skond l-Artikolu 3 hawn isfel lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kienu jinsabu;

(b) li x-xgħir ġie esportat wara l-31 ta' Lulju u qabel l-1 ta' Ottubru tas-sena in kwistjoni;

— jekk ix-xgħir kien maħżun fit-tmiem is-sena tas-suq, jissupplixxi lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru responsabbli għall-ħlas tar-rimborż bid-dokumenti li jiċċertifikaw:

(a) li x-xgħir jiġi mill-ħażniet iddikjarati skond l-Artikolu 3 hawn isfel lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fit-territorju ta' liema kienu jinsabu;

(b) li x-xgħir ġie esportat wara l-31 ta' Lulju u qabel l-1 ta' Ottubru tas-sena in kwistjoni.

2. Id-dokumenti referuti f'punt (a) ta' l-ewwel u t-tieni indentazzjoni ta' l-1 paragrafu għandhom jinżammu mill-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħlas lura.

Artikolu 3

1. L-azzjonist tax-xgħir lest għall-esportazzjoni bħala xgħir bil-ħlas lura aġġustat għandu jagħmel dikjarazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju ta' liema l-ħażniet jinsabu, b'ittra reġistrata, telex jew telegramm mibgħut mhux aktar tard mit-tielet jum ta' xogħol f'Awissu, fejn jindika l-imsemmija ħażniet ta' xgħir miżmuma minnu fil-31 ta' Lulju. Tali dikjarazzjoni għandha ta' l-anqas tinkludi l-oġġetti speċifikati fl-Anness għal dan.

[1] ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.
[2] ĠU L 156, ta' l-14.6.1978, p. 1.
[3] ĠU L 25, tal-31.1.1975, p. 10.

2. Jekk il-kondizzjonijiet ipprovduti fil-paragrafu 1 huma mwettqa u fuq applikazzjoni mill-parti nteressata, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ wieħed jew aktar ċertifikati li turi li l-prodotti esportati kienu fil-fatt mill-ħażniet ta' l-aħħar tas-sena preċedenti tas-suq u għalhekk jikkwalifikaw għall-aġġustament għall-ħlas lura skond l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75.

Iċ-ċertifikati jistgħu jinħarġu biss fir-rigward ta' kwantità li ma teċċediex dik iddikjarata skond l-1 paragrafu. Fuq talba tal-parti konċernata, ċertifikat maħruġ qabel jista jiġi mibdul ma żewġ jew aktar ċertifikati skond il-kwantitajiet.

Artikolu 4

1. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha:

(a) tieħu ħsieb l-ivverifikar neċessarju tal-ħażniet u tal-mobilizzazzjoni tagħhom fit-territorju tagħha;

(b) tadotta dawk il-miżuri addizzjonali neċessarji kollha sabiex tieħu rendikont tal-kondizzjonijiet speċjali fit-territorju tagħha u partikolarment tal-perjodi li fihom il-ħażniet u l-mobilizzazzjoni tagħhom huma soġġetti għall-iċċekjar.

2. L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena in kwistjoni rapport miktub fuq l-operat ta' dan ir-Regolament, fejn jiġu indikati l-kwantitajiet ta' xgħir fil-ħażna fl-aħħar tas-sena tas-suq u l-kwantitajiet ta' xgħir esportat taħt dan ir-Regolament.

3. F'kull Stat Membru l-awtorità kompetenti għandha tkun l-aġenzija bejjiena jew kull korp ieħor li l-Istat Membru għandu jaħtar.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Lulju 1978.

Għall-Kummissjoni

Finn GUNDELACH

Viċi-President

ANNESS

L-informazzjoni bażika li għandha tiġi fornuta mad-dikjarazzjoni ta' ħażniet ta' xgħir preżenti fil-31 ta' Lulju

A. Xgħir

1. Kwantità, imqassma skond il-kategorija tax-xgħir.
2. Il-post tal-ħażna.

B. Barli

1. Kwantità.
2. Il-post tal-ħażna.
3. Id-dikjarazzjoni li tiċċertifika li:
   (a) ix-xgħir ma jiġix mill-ħasda il-ġdida tal-Komunità;
   (b) ix-xgħir huwa tajjeb għall-ipproċessar f'xgħir.